

## EUR 15-il biljun fi dħul tal-gvern li jintilfu kull sena fl-UE minħabba l-falsifikazzjoni

- Stimi ġodda jiżvelaw l-iskala ta' dħul tal-baġit nazzjonali li jintilef minħabba l-falsifikazzjoni
- 22.1 % tal-bejgħ li jintilef fis-settur tal-kożmetiċi u tal-kura personali f'Malta minħabba l-falsifikazzjoni.
- Gruppi ta' kriminalità organizzata dejjem aktar marbuta ma' kummerċ iffalsifikat

Il-ħsara ekonomika u soċjali kkawżata mill-falsifikazzjoni ċċaħħad lill-gvernijiet mid-dħul u tista' tappoġġja kriminalità serja bħat-traffikar tad-droga u l-ħasil tal-flus, skont rapport ġdid maħruġ illum mill-[Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea](#) (EUIPO).

Ir-rapport jistma li l-gvernijiet fl-UE jtilfu sa **EUR 15-il biljun fis-sena b'kollox** minħabba l-preżenza ta' oġġetti ffalsifikati fis-suq, permezz ta' taxxi diretti u indiretti mnaqqsa, kif ukoll kontribuzzjonijiet soċjali, li ma jitħallsux minn manifatturi illegali.

Barra minn hekk, sa **EUR 19-il biljun ta' bejgħ** jintilfu kull sena fl-UE mis-settur tal-kożmetiċi u tal-kura personali, is-settur tal-inbejjed u tal-ispirti, is-settur farmaċewtiku u s-settur tal-ġugarelli u tal-logħob, skont l-istima tal-EUIPO. L-oġġetti ffalsifikati ma jgħaddux mill-istess ittestjar strett bħall-oġġetti ġenwini biex jiġi żgurat li huma sikuri biex jiġu kkunsmati jew użati min-nies.

Il-bejgħ mitluf fis-settur tal-kożmetiċi u tal-kura personali b'mod partikolari **żdied b'aktar minn EUR 2.5 biljun** minn meta ġiet ippubblikata l-aħħar analiżi bħal din mill-EUIPO fl-2019, l-ogħla żieda fis-setturi studjati. Madwar **14.1 % tal-bejgħ tas-settur tal-kożmetiċi u tal-kura personali** (EUR 9.6 biljun) jintilfu kull sena fl-UE minħabba l-preżenza ta' prodotti ffalsifikati. **F'Malta**, din iċ-ċifra hija ta' 22.1 %.

Analiżi mill-EUIPO turi li l-oġġetti ffalsifikati perikolużi rreġistrati ġew iwwalutati li huma ta' riskju serju għall-konsumaturi. Il-parti l-kbira tal-oġġetti inkwistjoni kienu ddestinati għat-tfal, u kienu jew ġugarelli, oġġetti tal-kura tat-tfal jew ħwejjeġ tat-tfal.

Riċerka li twettqet mill-EUIPO u mill-Europol tiżvela wkoll ir-rabtiet bejn **il-falsifikazzjoni u reati kriminali serji oħra**. Sa mill-2016, l-inforzaturi fl-UE wettqu 29 operazzjoni kbira kontra l-falsifikazzjoni u l-piraterija, immirati lejn gruppi organizzati li kienu involuti wkoll f'reati kriminali serji oħra, inkluż it-traffikar tad-droga u l-ħasil tal-flus.

Il-President Eżekuttiv tal-EUIPO, Christian Archambeau, qal:

“Il-falsifikazzjoni mhijiex reat mingħajr vittmi. Il-prodotti foloz inaqqsu l-bejgħ ta' negozji leġittimi, u jċaħħdu lill-gvernijiet minn dħul tant meħtieġ. Huma ta' riskju ċar għas-saħħa u s-sikurezza ta' dawk li jużawhom. Iżda kif il-ħidma konġunta tagħna mal-Europol turi, irrikavati mill-falsifikazzjoni jistgħu jappoġġjaw ukoll il-kriminalità organizzata serja. Sabiex dan jiġi indirizzat bis-sħiħ, hija meħtieġa azzjoni internazzjoni miftiehma fil-livelli kollha.”

L-istimi tal-lum jinsabu fir-Rapport tal-Istatus tal-2020 dwar il-Ksur tad-DPI, li jiġbor flimkien ix-xoġhol ta' rapportar tal-EUIPO dwar il-proprjetà intellettwali fil-livell tal-UE u fil-livell globali, inklużi s-sejbiet ta' investigazzjonijiet mwettqa mal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) u l-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi (UEP).

Ir-Rapport tal-Istatus jinkludi wkoll riċerka dwar il-volum ta' oġġetti ffalsifikati u piratati fil-kummerċ internazzjonali u l-kontribuzzjoni ekonomika ta' industrij intensivi fid-drittijiet tal-proprjetà intellettuali għat- tkabbir ekonomiku u l-impjegi. Ir-rapport jinkludi informazzjoni intuittiva ġdida dwar kif intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) jużaw il-proprjetà intellettuali.

## DWAR L-EUIPO

L-EUIPO hu aġenzija deċentralizzata tal-UE, ibbażata f'Alicante, Spanja. Hu jiġġestixxi r-reġistrazzjoni tat-trademarks tal-Unjoni Ewropa (EUTM) u d-disinn Komunitarju reġistrat (RCD), u t-tnejn li huma jipprovdu protezzjoni għall-proprjetà intellettuali fl-Istati Membri kollha tal-UE. L-EUIPO iwettaq ukoll attivitajiet ta' kooperazzjoni mal-uffiċċji nazzjonali u reġjonali tal-Proprietà Intellettuali tal-UE.

L-Osservatorju Ewropew tal-Ksur tad-Drittijiet tal-Proprietà Intellettuali ġie stabbilit fl-2009 biex jappoġġja l-protezzjoni u l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali u biex jgħin fil-ġlieda kontra t-theddida li dejjem tikber tal-ksur tal-proprjetà intellettuali fl-Ewropa. Hu ġie ttrasferit lill-EUIPO fil-5 ta' Ġunju 2012 permezz tar-Regolament (UE) Nru 386/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

### Kuntatti għall-istampa

Ruth McDonald

Tel.: +34 96 513 7676

[Ruth.MCDONALD@euipo.europa.eu](mailto:Ruth.MCDONALD@euipo.europa.eu)